A.L. 280 ta' l-2006

ATT TA' L-2002 DWAR IR-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TA' KWALIFIKI (ATT NRU. XVIII TA' L-2002)

Regolamenti ta' l-2005 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki ta' Edukazzjoni Ogħla fir-Reġjun ta' l-Ewropa

BIS-SETGĦA mogħtija lilu bl-artiklu 8 ta' l-Att ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki ta' Edukazzjoni Ogħla fir-Reġjun ta' l-Ewropa.

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli mill-edukazzjoni jista' b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern jistabbilixxi.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra:

"aċċess" tfisser aċċess għal edukazzjoni ogħla li huwa d-dritt ta' kandidati kwalifikati li japplikaw u jkunu ikkunsidrati għall-ammissjoni f'edukazzjoni ogħla;

"ammissjoni" tfisser ammissjoni f'istituzzjonijiet u programmi ta' edukazzjoni ogħla u huwa l-att jew is-sistema li permezz tagħhom kandidat kwalifikat jitħalla jsegwi studji ta' edukazzjoni ogħla f'xi istituzzjoni jew f'xi programm partikolari;

"assessjar ta' istituzzjonijiet u programmi" tfisser il-proċess li jistabbilixxi l-kwalità edukattiva ta' istituzzjoni jew programm ta' edukazzjoni ogħla;

"assessjar tal-kwalifiki individwali" tfisser l-apprezzament jew l-evalwazzjoni bil-miktub tal-kwalifiki barranin ta' individwu minn awtorità kompetenti;

"awtorità kompetenti għar-rikonoxximent" tfisser korp awtorizzat uffiċjalment biex jieħu deċiżjonijiet li jorbtu dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki barranin;

"edukazzjoni ogħla" tfisser kull tip ta' kors ta' studju, jew ġabra ta' korsijiet ta' studju, taħriġ jew taħriġ fir-riċerka f'livell post sekondarju li jkun rikonoxxut mill-awtoritajiet rilevanti tal-Parti bħala li jappartjeni għas-sistema ta' edukazzjoni ogħla tagħhom;

"istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla" tfisser stabbiliment li jipprovdi edukazzjoni ogħla u li hu rikonoxxut mill-awtorità kompetenti tal-Parti bħala li jappartjeni għas-sistema ta' edukazzjoni ogħla:

"kondizzjoni" tfisser jew kondizzjoni ġenerali jew kondizzjonijiet speċifiċi, jew it-tnejn;

"kondizzjonijiet ġenerali" tfisser dawk il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti f'kull każ ta' aċċess għal edukazzjoni ogħla, jew għal xi livell partikulari ta' edukazzjoni ogħla, jew fl-għoti ta' kwalifika ta' edukazzjoni ogħla f'livell partikulari;

"kondizzjonijiet speċifiċi" tfisser dawk il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti, b'żieda mal-kondizzjonijiet ġenerali, biex wieħed jista' jkun ammess fi programm ta' edukazzjoni ogħla partikulari, jew għall-għoti ta' kwalifika ta' edukazzjoni ogħla speċifika f'kamp ta' studju partikolari;

"kwalifika ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kull lawrja, diploma jew ċertifikat ieħor maħruġ minn awtorità kompetenti li jafferma t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla;

"kwalifiki" tfisser jew kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew dawk li jagħtu aċċess għall-edukazzjoni ogħla, jew it-tnejn;

"kwalifiki li jagħtu aċċess għal edukazzjoni ogħla" tfisser kull diploma jew ċertifikat ieħor maħruġ minn awtorità kompetenti li jafferma t-tmien b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni u li jagħti lid-detentur tal-kwalifika d-dritt li jkun konsidrat għall-ammissjoni għal edukazzjoni ogħla skond it-tifsira ta' aċċess;

"perjodu ta' studju" tfisser kull komponent ta' programm ta' edukazzjoni ogħla li jkun ġie evalwat u dokumentat u filwaqt li ma jkunx programm sħiħ ta' studju fih innifsu, ikun jirrapreżenta akkwist sinifikanti ta' tagħlim jew ħiliet;

"programm ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kors ta' studju rikonoxxut mill-awtorità kompetenti tal-Parti bħala li jappartjeni għas-sistema ta' edukazzjoni ogħla u li t-tmiem tiegħu jwassal student għal kwalifika ta' edukazzjoni ogħla tagħha;

"rikonoxximent" tfisser l-ġharfien formali minn awtorità kompetenti tal-valur ta' kwalifika edukattiva barranija bil-ġhan ta' aċċess ġhal attivitajiet edukattivi jew ta' impjieg:

"Stat Parti'' tfisser stat li jkun irratifika l-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki li jikkonċernaw l-Edukazzjoni Ogħla, li jkun:

(a) membru tal-Kunsill ta' l-Ewropa,

(b) membru tar-Reġjun ta' l-Ewropa tal-UNESCO,

(ċ) kull firmatarju ieħor, Stat jew parti kontraenti fil-Konvenzjoni tal-Kultura ta' l-Ewropa tal-Kunsill ta' l-Ewropa, jew tal-Konvenzjoni ta' l-UNESCO, dwar ir-Rikonoxximent ta' l-Istudji, Diplomi u Lawrji li jikkonċernaw l-Edukazzjoni Ogħla, fl-Istati li jappartjeni ġhar-reġjun ta' l-Ewropa.

Aċċess ġhal assessjar ta' kwalifika.

3. (1) Id-detenturi ta' kwalifiki maħruġin minn istituzzjoni rikonoxxuta ta' edukazzjoni ogħla f'xi wieħed mill-Istati Parti ġhandu jkollhom aċċess xieraq ġhal assessjar trasparenti, koerenti u ta' min joqgħod fuqu tal-kwalifiki, jekk hekk jitolbu lill-awtorità stabbilita ġhal dan il-ġhan.

(2) Ma ġhandha ssir l-ebda diskriminazzjoni ġhal xi raġuni bħal sess, razza, kulur, diżabilità, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew ta' xort'oħra, oriġini etnika, nazzjonali jew sojali, appartenenza ġhal minorità nazzjonali, propjetà, twelid jew status ieħor, kollha ta' l-applikant, jew abbażi ta' kull ċirkostanza oħra mhux relatata mal-mertu tal-kwalifika li ġhaliha jkun qed jintalab ir-rikonoxximent u l-ħiliet akkwiżiti.

(3) Deċiżjonijiet dwar rikonoxximent ġhandhom isiru abbażi ta' informazzjoni xierqa dwar il-kwalifiki li fuqhom jkun qed jintalab rikonoxximent.

(4) L-ewwelnett, hija r-responsabbiltà ta' l-applikant li jipprovdi l-informazzjoni xierqa, u li jipprovdi din l-informazzjoni *in bona fede*.

(5) Minkejja r-responsabbiltà ta' l-applikant, l-istituzzjonijiet rikonoxxuti ta' l-edukazzjoni ogħla f'Malta li jkunu ħarġu l-kwalifiki inkwistjoni jkollhom id-dmir li jipprovdu, jekk mitluba li jagħmlu dan mill-applikant u f'limiti raġonevoli, informazzjoni rilevanti lid-detentur ta' l-kwalifika, lill-istituzzjoni, jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fejn ikun qed jintalab ir-rikonoxximent.

(6) Ir-responsabbiltà li turi li applikazzjoni ma tissodisfax il-kondizzjonijiet rilevanti tkun ta' l-organizzazzjoni li tagħmel l-assessjar.

Terminu ta' żmien.

4. Deċiżjonijiet dwar rikonoxximent ma għandhomx itulu aktar minn erba' xhur li jibdew jgħoddu minn dakinhar li l-informazzjoni kollha rilevanti dwar il-każ tkun ġiet provduta. Jekk ir-rikonoxximent ma jinħariġx, għandhom jingħataw ir-raġunijiet għaliex ma jkunx ingħata ir-rikonoxximent, kif ukoll għandha tingħata informazzjoni dwar miżuri li jistgħu jittieħdu mill-applikant biex ikun jista' jikseb ir-rikonoxximent aktar 'il quddiem. Jekk ma jingħatax ir-rikonoxximent, jew jekk ma titteħidx deċiżjoni, l-applikant ikun jista' jagħmel appell lill-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki fi żmien erba' xhur.

Rikonoxximent ta' kwalifiki li jagħtu aċċess.

5. (1) Iċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni kif ukoll l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni ogħla f'Malta għandhom jirrikonoxxu l-kwalifiki mogħtija minn istituzzjonijiet simili fl-Istati Parti u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ġenerali ta' aċċess għal edukazzjoni ogħla f'dawk l-Istati Parti għal skop ta' aċċess għal programmi li jappartjenu għas-sistema ta' edukazzjoni ogħla Maltija, sakemm ma jkunx ippruvat li hemm differenza sostanzjali bejn il-kondizzjonijiet ġenerali ta' aċċess għal istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla f'Malta u dawk fl-Istat Parti involut.

(2) Alternattivament, ikun biżżejjed li Stat Parti li jagħti l-possibbilità lil detentur ta' kwalifika maħruġa minn Stat Parti ieħor li jingħata l-assessjar tal-kwalifika, fuq talba ta' l-istess detentur ta' l-kwalifika u l-provedimenti tas-sub-regolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan il-każ.

(3) Fejn il-kwalifiki jagħtu aċċess biss għal tipi speċifiċi ta' istituzzjonjiet jew programmi ta' edukazzjoni ogħla fl-Istat Parti fejn il-kwalifika tkun ingħatat, Malta għandha tagħti lid-detenturi tal-kwalifiki aċċess għal programmi speċifiċi simili fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla tagħha, sakemm ma jkunx ippruvat li hemm differenzi sostanzjali bejn il-kondizzjonijiet għall-aċċess fl-Istat Parti fejn tkun ingħatat il-kwalifika u f'Malta.

(4) Fejn l-ammissjoni għal programmi partikolari ta' edukazzjoni ogħla tiddependi minn kondizzjonjiet speċifiċi b'żieda mal-kondizzjonijiet ġenerali għall-aċċess, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-isituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni ogħla jistgħu jimponu kondizzjonijiet addizzjonali bl-stess mod fuq dawk li għandhom kwalifiki maħruga minn Stati Parti jew inkella jsir assessjar dwar jekk il-kwalifiki miksuba minn Stati Parti jkunux jissodisfaw kondizzjonijiet ekwivalenti.

(5) Meta fl-Istati Parti ċertifikati li ngħataw fi tmiem ta' l-edukazzjoni obligatorja, jagħtu aċċess għal edukazzjoni ogħla biss jekk flimkien magħhom ikollhom eżamijiet addizzjonali ta' kwalifikazzjoni bħala prekondizzjoni għall-aċċess, l-istituzzjonijiet f'Malta ta' l-edukazzjoni ogħla jistgħu jagħmlu l-aċċess fihom jiddependi minn dawn il-kondizzjonijiet jew inkella joffru alternattiva li tissodisfa l-kondizzjonijiet addizzjonali bħal dawn fis-sistemi edukattivi tagħhom stess.

(6) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-sub-regolamenti (1), (2),(3),(4) u (5) ta' dan ir-regolament, ammissjoni għall-istituzzjoni partikolari ta' edukazzjoni ogħla f'Malta, jew fi programm ta' edukazzjoni ogħla f'istituzzjoni bħal din, tista' tkun ristretta jew selettiva. F'kazi fejn l-ammissjoni f'istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla jew fi programm ikun selettiv, il-proċeduri ta' l-ammissjoni għandhom jitfasslu b'mod li jiżguraw li l-assessjar ta' kwalifiki barranin isir skond il-prinċipji ta' parità u ebda diskriminazzjoni kif deskritti fir-regolament 3(2).

(7) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikli (1), (2), (3), (4) u (5) ta' dan ir-regolament, ammissjoni għal istituzzjoni partikolari ta' edukazzjoni ogħla f'Malta tista' tkun bil-kondizzjoni li l-applikant juri li għandu kompetenza suffiċjenti fil-lingwa jew lingwi wżati fit-tagħlim mill-istituzzjoni konċernata, jew f'lingwi oħra speċifikati.

(8) Fil-każ li l-aċċess għad-disposizzjonijiet tas-sub-regolamenti edukazzjoni ogħla jista' jinkiseb fuq il-bażi ta' kwalifiki mhux tradizzjonali, kwalifiki simili miksubin fi Stati Parti oħra jkunu assessjati bl-istess mod bħal kwalifiki mhux tradizzjonali miksubin f'Malta.

(9) Għal skop ta' ammissjoni fi programmi ta' edukazzjoni ogħla, kull Stat Parti jagħmel ir-rikonoxximent ta' kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet edukattivi barranin li joperaw fit-territorju tiegħu kontingenti fuq il-kondizzjonijiet speċifiċi tal-liġi ta' Malta jew fuq pattijiet magħmulin apposta ma' l-Istat Parti ta' l-origini ta' dawn l-istituzzjonijiet.

Rikonoxximent ta' perjodi ta' studju.

6. (1) L-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni ogħla f'Malta jirrikonoxxu l-perijodi ta' studju mitmuma f'qafas ta' programm ta' edukazzjoni ogħla fi Stat Parti ieħor. Dan ir-rikonoxximent għandu jkopri perjodi ta' studju li jwasslu għat-tkomplija sħiħa tal-programm ta' edukazzjoni ogħla fl-Istat Parti fejn ir-rikonoxximent ikun mitlub, sakemm ma jkunx ippruvat li hemm differenzi sostanzjali bejn il-perjodi ta' studju mitmuma fil-Parti l-oħra u l-komponent tal-programm ta' edukazzjoni ogħla li dan ikun qed jissostitwixxi f'Malta.

(2) Alternattivament, ikun suffiċjenti għal istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla f'Malta li tagħti l-possibbiltà li persuna li ttemm perjodu ta' studju fil-qafas ta' programm ta' edukazzjoni ogħla fi Stat Parti ieħor li jikseb l-assessjar ta' dak il-perjodu ta' studju, fuq talba ta' l-istess persuna konċernata, u d-dispożizzjonijiet tas-sub-regolament (1) ta' dan l-artiklu jkunu japplika *mutatis mutandis* għal dan il-każ.

(3) Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni ogħla għandhom, partikolarment, jiffaċilitaw ir-rikonoxximent ta' perjodi ta' studju meta:

(a) jkun hemm ftehim preċedenti bejn, minn naħa, l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla jew l-awtorità kompetenti responsabbli minn dak il-perijodu ta' studju u, minn naħa l-oħra, l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla, jew l-awtorità tar-rikonoxximent kompetenti responsabbli għar-rikonoxximent mitlub;

(b) l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla fejn ikun sar il-perjodu ta' studju tkun ħarġet ċertifikat jew traskritt ta' rekord akkademiku li jafferma li l-istudent ikun temm b'suċċess ir-rekwiżiti stipulati għal dak il-perjodu ta' studju.

Rikonoxximent ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla.

7. (1) Sakemm id-deċiżjoni tar-rikonoxximent tkun ibbażata fuq tagħlim u ħiliet ċertifikati bi kwalifika ta' edukazzjoni ogħla, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla f'Malta għandhom jirrikonoxxu l-kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla konferiti fi Stat Parti ieħor ħlief jekk jintwera li hemm differenza sostanzjali bejn il-kwalifika li għaliha qed jintalab ir-rikonoximent u kwalifika korrispondenti konferita f'Malta.

(2) Alternattivament, ikun suffiċjenti għaċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni jew xi istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla f'Malta li tagħti l-opportunità lil persuna li għandha kwalifika ta' edukazzjoni ogħla konferita minn xi wieħed mill-Istati Parti l-oħra li jikseb assessjar ta' dik il-kwalifika, jekk ikun mitlub ħekk mill-persuna stess li għandha l-kwalifika, u d-dispożizzjonijiet tas-sub-regolament (1) ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan il-każ.

(3) Rikonoxximent f'Malta ta' kwalifika ta' edukazzjoni ogħla maħruġa minn Stat Parti ieħor għandu jkollu jew xi waħda jew it-tnejn mill-konsegwenzi li gejjin:

(a) aċċess għal studji ta' edukazzjoni ogħla, li jinkludi l-eżamijiet rilevanti, jew għal tħejjijiet ta' dottorat, bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk applikabbli għad-detenturi ta' kwalifiki tal-Parti fejn ikun qiegħed jiġi mfittex li jinkiseb ir-rikonoxximent;

(b) l-użu ta' titlu akkademiku, bla ħsara għal-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ f'Malta, jew fil-ġurisdizzjoni tagħha. Barra

minn dan, rikonoxximent jista' jiffaċilità l-aċċess għas-suq tax-xogħol bla ħsara għal-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ f'Malta, u fil-ġurisdizzjoni tagħha.

(4) Assessjar f'Malta ta' kwalifika ta' edukazzjoni ogħla maħruġa fi Stat Parti ieħor jista' jieħu forma ta':

(a) parir għal skop ġenerali ta' impjieg;

(b) parir lil istituzzjoni ta' edukazzjoni għal skop ta' ammissjoni fil-programmi tagħha;

(ċ) parir lil kull awtorità oħra kompetenti għal rikonoxximent.

(5) Il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni jista' jagħmel ir-rikonoxximent ta' kwalifiki maħruġa minn istituti edukattivi barranin li joperaw f'Malta kif soġġetti għal kondizzjonijiet speċifiċi fil-liġi ta' Malta jew għal pattijiet speċifiċi milħuqa ma' l-Istat Parti ta' l-oriġini ta' istituzzjonijiet bħal dawk.

Rikonoxximent ta' kwalifiki li jkollhom rifuġjati, persuni mċaqalqa minn pajjiżhom u persuni f'sitwazzjonijiet bħal ta' rifuġjati.

8. Malta għandha tieħu kull miżura raġjonevoli u possibbli fil-qafas tas-sistema edukattiva tagħha u in konformità mal-providementi kostituzzjonali, legali u tar-regolamenti tagħha, sabiex tiżviluppa proċeduri maħsuba biex jassessjaw b'mod ġust u bla telf ta' żmien jekk rifuġjati, persuni mċaqalqa minn pajjiżhom jew f'sitwazzjoni li tixba' dik ta' rifuġjat, jissodifawx il-kondizzjonijiet meħtiega għal aċċess għal edukazzjoni ogħla, għal avvanz fi programmi ta' edukazzjoni ogħla jew fl-impjieg, ukoll f'każi fejn il-kwalifiki miksuba f'wieħed mill-Partijiet ma' jkunux jistgħu jkunu ppruvati permezz ta' evidenza dokumentata.

Informazzjoni dwar l-assessjar ta' istituzzjonijiet u programmi ta' edukazzjoni ogħla.

9. Iċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla rikonoxxuti f'Malta għandhom jipprovdu informazzjoni xierqa dwar kull programm offrut, bil-għan li jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti u nominati ta' Stati Parti oħra sabiex jaċċertaw jekk il-kwalità tal-kwalifiki maħruġa jiġġustifikawx ir-rikonoxximent fl-Istat Parti fejn ir-rikonoxximent ikun qed jintalab. Dan it-tagħrif għandu jieħu l-forma ta' informazzjoni dwar il-metodu u r-riżultati ta' dan l-assessjar, u dwar l-istandard ta' kwalità speċifika għal kull tip ta' istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla, u ta' programmi li jwasslu għal kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla.

Informazzjoni permezz ta' l-informatika.

10. Iċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni permezz ta' l-Uffiċċju tat-Teknoloġija ta' l-Informatika tiegħu għandu jagħmel provvedimenti xierqa sabiex jiżviluppa, imantni u jipprovdi:

(a) deskrizzjoni ġenerali tad-diversi tipi ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla fis-sistema ta' edukazzjoni ogħla, bil-karatteristiċi tipiċi ta' kull istituzzjoni;

(b) lista ta' istituzzjonijiet rikonoxxuti, sew pubbliċi sew privati, fis-sistema ta' edukazzjoni ogħla, li turi l-poteri tagħhom li jikkonferixxu d-diversi tipi ta' kwalifiki, kif ukoll il-kondizzjonijiet ta' l-aċċess għal kull istituzzjoni u programm;

(ċ) deskrizzjoni ta' programmi ta' edukazzjoni ogħla;

(d) lista ta' istituzzjonijiet barra mit-territorju tagħha li Malta tikkonsidra bħala parti mis-sistema edukattiva tagħha.

Faċilitazzjoni tar-rikonoxximent tal-kwalifiki.

11. (1) Bil-għan li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, istituzzjonijiet ta' studji ogħla jintrabtu li jistabblixxu sistemi trasparenti ta' deskrizzjoni kompleta tal-kwalifiki miksuba.

(2) Billi jagħraf il-bżonn ta' informazzjoni relevanti, preċiża u aġġornata, iċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni flimkien ma' l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla għandu jżomm ċentru nazzjonali ta' informazzjoni li jifforma parti min *network* Ewropew taċ-Ċentri ta' Informazzjoni dwar il-mobilità akkademika u r-rikonoxximent magħruf bħala *ENIC Network*, stabbilit b'deċiżjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa fid-9 ta' Ġunju, 1994 u mill-Kumitat Reġjonali għall-Ewropa tal-UNESCO fit-18 ta' Ġunju 1994. Iċ-Ċentru għandu wkoll iżomm kuntatt mal-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki li jikkonċernaw l-Edukazzjoni Ogħla fir-Reġjun ta' l-Ewropa.

(3) Iċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u Informazzjoni li jinkorpora fih l-ENIC għandu:

(a) jiffaċilita l-aċċess għal informazzjoni awtoritattiva u preċiża dwar is-sistema ta' l-edukazzjoni ogħla u l-kwalifiki ta' Malta;

(b) jiffaċilita l-aċċess għal informazzjoni awtoritattiva u preċiża dwar is-sistemi ta' l-edukazzjoni ogħla u l-kwalifiki ta' l-Stati Parti l-oħra;

(ċ) jagħti parir jew informazzjoni dwar materji ta' rikonoxximent u assessjar ta' kwalifiki, skond liġijiet u regolamenti nazzjonali;

(d) jippromwovi l-użu tas-Supplement tad-Diploma tal-UNESCO jew tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

L.N. 280 of 2006

MUTUAL RECOGNITION OF QUALIFICATIONS ACT, 2002 (ACT NO. XVIII OF 2002)

Mutual Recognition of Higher Education Qualifications in the European Region Regulations 2005

IN exercise of the powers conferred by article 8 of the Mutual Recognition of Qualifications Act, 2002, the Minister of Education, Youth and Employment has made the following regulations:-

Citation and commencement.

1. (1) The title of these regulations is the Mutual Recognition of Higher Education Qualifications in the European Region Regulations 2005.

(2) These regulations shall come into force on such date as the Minister responsible for education may, by notice in the Gazette, appoint.

Interpretation.

2. In these regulations unless the content otherwise requires –

"access" means access to higher education and is the right of qualified candidates to apply and to be considered for admission to higher education;

"admission" means admission to higher education institutions and programmes and is the act of, or system for, allowing qualified applicants to pursue studies in higher education at a given institution or a given programme;

"assessment of institutions or programmes" means the process for establishing the educational quality of a higher education institution or programme;

"assessment of individual qualifications" means the written appraisal or evaluation of an individual's foreign qualifications by a competent body;

"competent recognition authority" means a body officially charged with making binding decisions on the recognition of foreign qualifications;

"higher education" means all types of courses of study, or sets of courses of study, training or training for research at the post

secondary level which are recognised by the relevant authorities of a Party as belonging to its higher education system;

"higher education institution" means an establishment providing higher education and recognised by the competent authority of a Party as belonging to its system of higher education;

"higher education programme" means a course of study recognised by the competent authority of a Party as belonging to its system of higher education, the completion of which provides the student with a higher education qualification;

"higher education qualification" means any degree, diploma or other certificate issued by a competent authority attesting the successful completion of a higher education progamme;

"general requirements" means such conditions that must, in all cases, be fulfilled for access to higher education, or to a given level thereof, or for the award of a higher education qualification at a given level;

"Party State" means a state that has ratified the Lisbon Convention on the Recognition of Qualifications concerning Higher Education, which is:

(a) a member of the Council of Europe,

(b) a member of the UNESCO European Region,

(c) any other signatory, contracting State or party to the European Cultural Convention of the Council of Europe, or to the UNESCO Convention on the Recognition of Studies, Diplomas and Degrees concerning Higher Education in the States belonging to the Europe Region;

"period of study" means any component of a higher education programme which has been evaluated and documented and, while not a complete programme of study in itself, represents a significant acquisition of knowledge or skill;

"qualifications" means either higher education qualifications or qualifications giving access to higher education, or both;

"qualification giving access to higher education" means any diploma or other certificate issued by a competent authority

attesting the successful completion of an education programme and giving the holder of the qualification the right to be considered for admission to higher education in terms of the definition of access;

"recognition" means a formal acknowledgement by a competent authority of the value of a foreign educational qualification with a view to access educational or employment activities;

"requirement" means either general requirements or specific requirements, or both;

"specific requirements" means such conditions that must be fulfilled, in addition to the general requirements, in order to gain admission to a particular higher education programme, or for the award of a specific higher education qualification in a particular field of study.

Access to assessment of qualification.

3. (1) Holders of any qualifications issued by a recognised institution of higher education of one of the Party States shall have adequate access, upon request to the appropriate body, to a transparent, coherent and reliable assessment of the qualifications.

(2) No discrimination shall be made in this respect on any ground such as the applicant's gender, race, colour, disability, language, religion, political or other opinion, national, ethnic or social origin, association with a national minority, property, birth or other status, or on the grounds of any other circumstance not related to the merits of the qualification for which recognition is sought and skills achieved.

(3) Decisions on recognition shall be made on the basis of appropriate information on the qualifications for which recognition is sought.

(4) In the first instance, the responsibility for providing adequate information rests with the applicant, who shall provide such information in good faith.

(5) Notwithstanding the responsibility of the applicant, the recognised institutions of higher education in Malta, having issued the qualifications in question shall have a duty to provide, upon request of the applicant and within reasonable limits, relevant information to the holder of the qualification, to the institution, or to the competent authorities of the country in which recognition is sought.

(6) The responsibility to demonstrate that an application does not fulfil the relevant requirements lies with the body undertaking the assessment.

Time limit.

4. Decisions on recognition shall be made not later than four months calculated from the time all necessary information on the case has been provided. If recognition is withheld, the reasons for the refusal to grant recognition shall be stated, and information shall be given concerning possible measures the applicant may take in order to obtain recognition at a later stage. If recognition is withheld , or if no decision is taken, the applicant shall be able to make an appeal within four months to the Mutual Recognition of Qualifications Appeals Board.

Recognition of qualifications giving access.

5. (1) The Malta Qualifications Recognition Centre and institutes of higher education within Malta shall recognise qualifications issued by similar institutions in other Party States and which meet the general requirements for access to higher education in those Party States for the purpose of access to programmes belonging to the Maltese higher education system, unless a substantial difference can be shown between the general requirements for access to an institution of higher education in Malta and those of the Party State concerned.

(2) Alternatively, it shall be sufficient for a Party State to enable the holder of a qualification issued in one of the other Party States to obtain an assessment of the qualification, upon request by the holder, and the provisions of sub-regulation (1) hereof shall apply *mutatis mutandis* to such a case.

(3) Where a qualification gives access only to specific types of institutions or programmes of higher education in the Party State in which the qualification was obtained, Malta shall grant holders of such qualifications access to similar specific programmes in institutions belonging to its higher education system, unless a substantial difference can be demonstrated between the requirements for access in the Party State in which the qualification was obtained and in Malta.

(4) Where admission to particular higher education programmes is dependent on the fulfilment of specific requirements in addition to the general requirements for access, the competent authorities of the institutions of higher education may impose the additional requirements equally on holders of qualifications obtained in the other Party States or assess whether applicants with qualifications obtained in other Party States fulfil equivalent requirements.

(5) Where, in the Party States in which they have been obtained, school leaving certificates give access to higher education

only in combination with additional qualifying examinations as a prerequisite access, Institutions of Higher Education in Malta may make access conditional on these requirements or offer an alternative for satisfying such additional requirements within their own educational systems.

(6) Without prejudice to the provisions of sub-regulations (1), (2), (3), (4) and (5) hereof, admission to a given higher education institution in Malta, or to a given programme within such an institution, may be restricted or selective. In cases in which admission to a higher education institution or programme is selective, admission procedures should be designed with a view to ensuring that the assessment of foreign qualifications is carried out according to the principles of fairness and non-discrimination described in regulation 3(2).

(7) Without prejudice to the provisions of sub-regulations (1), (2), (3), (4) and (5) hereof, admission to a given higher education institution in Malta may be made conditional on demonstration by the applicant of sufficient competence in the language or languages of instruction of the institution concerned, or in other specified languages.

(8) In the case in which access to higher education may be obtained on the basis of non-traditional qualifications, similar qualifications obtained in other Party States shall be assessed in a similar manner as non-traditional qualifications earned in Malta.

(9) For the purpose of admission to programmes of higher education, each Party State shall make the recognition of qualifications issued by foreign educational institutions operating in its territory contingent upon specific requirements of Maltese legislation or specific agreements concluded with the Party State of origin of such institutions.

Recognition of periods of study.

6. (1) Institutes of higher education in Malta shall recognise periods of study completed within the framework of a higher education programme in another Party State. This recognition shall comprise such periods of study towards the completion of a higher education programme in the Party State in which recognition is sought, unless substantial differences can be shown between the periods of study completed in another Party and the part of the higher education programme which they would replace in Malta.

(2) Alternatively, it shall be sufficient for the institution of higher education in Malta to enable a person who has completed a period of study within the framework of a higher education programme in another Party State to obtain an assessment of that period of study,

upon request by the person concerned, and the provisions of sub-regulation (1) hereof shall apply *mutatis mutandis* to such a case.

(3) In particular, Institutions of higher education in Malta shall facilitate recognition of periods of study when:

(a) there has been a previous agreement between, on the one hand, the higher education institution or the competent authority responsible for the relevant period of study and, on the other hand, the higher education institution, or the competent recognition authority responsible for the recognition that is sought; and

(b) the higher education institution in which the period of study has been completed has issued a certificate or transcript of academic records attesting that the student has successfully completed the stipulated requirements for the said period of study.

Recognition of higher education qualifications.

7. (1) To the extent that a recognition decision is based on the knowledge and skills certified by the higher education qualification, institutions of higher learning in Malta shall recognise the higher education qualifications conferred in another Party State unless a substantial difference can be shown between the qualification for which recognition is sought and the corresponding qualification in Malta.

(2) Alternatively, it shall be sufficient for the Malta Qualifications Recognition Information Centre or an institution of higher education in Malta to enable the holder of a higher education qualification issued in one of the other Party States to obtain an assessment of that qualification, upon request by the holder, and the provisions of sub-regulation (1) shall apply *mutatis mutandis* to such a case.

(3) Recognition in Malta of a higher education qualification issued in another Party State shall have one or both of the following consequences:

(a) access to further higher education studies, including relevant examinations, or to preparations for the doctorate, on the same conditions as those applicable to holders of qualifications of the Party in which recognition is sought;

(b) the use of an academic title, subject to the laws and regulations of Malta, or a jurisdiction thereof.In addition, recognition may facilitate access to the labour market subject to laws and regulations of Malta, or a jurisdiction thereof.

(4) An assessment in Malta of a higher education qualification issued in another Party State may take the form of:

(a) advice for general employment purposes;

(b) advice to an educational institution for the purpose of admission into its programmes;

(c) advice to any other competent recognition authority.

(5) The Minister responsible for education may make the recognition of higher education qualifications issued by foreign education institutions operating in Malta contingent upon specific requirements of national legislation or specific agreements concluded with the Party State of origin of such institutions.

Recognition of qualifications held by refugees, displaced persons and persons in a refugee-like situation.

8. Malta shall take all feasible and reasonable steps within the framework of its education system and in conformity with its constitutional, legal, and regulatory provisions to develop procedures designed to assess fairly and expeditiously whether refugees, displaced persons and persons in a refugee-like situation fulfil the relevant requirements for access into higher education, to further higher education programmes or to employment activities, even in cases in which the qualifications obtained in one of the Parties cannot be proved through documentary evidence.

Information on the assessment of higher education institution and programmes.

9. The Malta Qualifications Recognition and Information Centre and recognised institutions of higher education in Malta shall provide adequate information on any programme offered with a view to enabling the competent or designated authorities of other Party States to ascertain whether the quality of the qualifications issued justifies recognition in the Party State in which recognition is sought. Such information shall take the form of information on the methods and results of this assessment, and of the standards of quality specific to each type of higher education institution granting, and to programmes leading to higher education qualifications.

Information through information technology.

10. The Malta Qualification Recognition and Information Centre through its Information Technology Office shall make adequate provisions for the development, maintenance and provision of:

(a) an overview of the different types of higher education institutions belonging to its higher education system, with the typical characteristics of each type of institution;

(b) a list of recognised institutions, both public and private, belonging to its higher education system, indicating their powers to award different types of qualifications and requirements for gaining access to each type of institution and programme;

(c) a description of higher education programmes;

(d) a list of education institutions located outside its territory which Malta considers as belonging to its educational system.

Facilitation of the recognition of qualifications.

11. (1) In order to facilitate the recognition of qualifications concerning higher education, institutions of higher learning undertake to establish transparent systems for the complete description of the qualifications obtained.

(2) Acknowledging the need for relevant, accurate and up-to-date information, the Malta Qualification Recognition and Information Centre in collaboration with institutions of higher education shall maintain a national information centre which shall form part of the European Network of Information Centres on academic mobility and recognition known as the ENIC Network, established by decision of the Committee of Ministers of the Council of Europe on the 9th June, 1994 and the UNESCO Regional Committee for Europe on the 18th June, 1994. The Centre shall also maintain links with the Committee of the Convention on the Recognition of Qualifications concerning Higher Education in the European Region.

(3) The Malta Qualification Recognition and Information Centre incorporating ENIC shall:

(a) facilitate access to authoritative and accurate information on the higher education system and qualifications of Malta;

(b) facilitate access to authorative and accurate information on the higher education systems and qualifications of the other Party States;

(c) give advice or information on recognition matters and assessment of qualifications, in accordance with national laws and regulations;

(d) promote the use of the UNESCO or Council of Europe Diploma Supplement.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 32ċ – *Price 32c*